2025/1896 19.9.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1896**

**tad-29 ta' Lulju 2025**

**dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti li jservi bħala n-Network għall-Prevenzjoni tal-Abbuż Sesswali tat-Tfal**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal għall-protezzjoni u l-kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ([1]) tal-1989 u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal huma reati kriminali serji li jirrikjedu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni tal-vittmi tfal u l-prevenzjoni.

(3) Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) introduċiet dispożizzjonijiet biex issaħħaħ il-prevenzjoni tar-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom. Din id-Direttiva hija applikabbli flimkien mad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li tirrikonoxxi l-ħtiġijiet speċjali għall-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi fit-tfulija. F'konformità mad-Direttiva 2011/93/UE, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li trawwem il-forom kollha ta' sfruttament sesswali tat-tfal. L-Istati Membri jridu wkoll jieħdu l-azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi tar-riċerka u l-edukazzjoni, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet relevanti tas-soċjetà ċivili u ma' partijiet interessati oħrajn, bil-għan biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju li t-tfal isiru vittmi ta' abbuż jew tal-isfruttament sesswali. Barra minn hekk, l-Istati Membri iridu jippromwovu taħriġ regolari għall-uffiċjali li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali fit-tfulija, inklużi uffiċjali tal-pulizija tal-ewwel linja, bl-għan li jkunu jistgħu jidentifikaw u jgħinu lill-vittmi u lill-vittmi potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal jew sfruttament sesswali tat-tfal online u offline.

(4) Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/93/UE li sar mill-Kummissjoni żvela li l-isforzi tal-Istati Membri biex jipprevjenu l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline ta' sikwit ma humiex ikkoordinati u l-effettività tagħhom ma hijiex ċara. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-ħolqien ta' programmi jew miżuri ta' intervent preventiv fl-istadji kollha tal-prevenzjoni, kif ukoll il-prevenzjoni mmirata lejn it-trasgressuri u l-persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati, u l-prevenzjoni mmirata lejn it-tfal u l-ambjent tagħhom. Jeżistu wkoll nuqqasijiet fl-edukazzjoni u fis-sensibilizzazzjoni. Barra minn hekk, ta' sikwit ma jkunx hemm approċċ ikkoordinat dwar il-protezzjoni tat-tfal minn kwalunkwe forma ta' vjolenza, inkluż l-abbuż sesswali.

---

([1]) Il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal, (1989) Trattat nru 27531. Is-Sensiela ta' Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, 1577, pp. 3–178. Disponibbli fuq: https://treaties.un.org/doc/Treaties/1990/09/19900902%2003-14%20AM/Ch_IV_11p.pdf (Aċċessat: l-24 ta' Frar 2025).

([2]) Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/93/oj).

([3]) Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/29/oj). F'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għar-reviżjoni ta' din id-Direttiva li għandha l-għan li tkompli ssaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi kollha tal-kriminalità, inklużi l-vittmi fit-tfulija. Ara l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/JHA, COM/2023/424 final.

(5) Jenħtieġ li l-grupp ta' esperti jinħoloq biex iservi bħala n-Network għall-Prevenzjoni tal-Abbuż Sesswali tat-Tfal ("in-Network għall-Prevenzjoni"), bil-ħsieb li jindirizza dawn l-isfidi, issaħħaħ l-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline u jiżgura li t-theddid minn dawn ir-reati fl-Unjoni jiġi indirizzat b'miżuri ta' prevenzjoni adegwati, f'konformità mal-istrateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ([4]) ("l-Istrateġija tal-UE").

(6) In-Network għall-Prevenzjoni jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala grupp ta' esperti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline, u l-kompiti u l-istruttura tiegħu jenħtieġ li jiġu definiti f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni ([5]).

(7) Il-fokus ewlieni tan-Network ta' Prevenzjoni jenħtieġ li jkun li jsaħħaħ l-isforzi fuq programmi jew miżuri ta' intervent preventiv immirati lejn it-tfal u l-ambjent tagħhom biex titnaqqas il-probabbiltà li t-tfal isiru vittmi, kif ukoll lejn it-trasgressuri u l-persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati, biex titnaqqas il-probabbiltà li tali persuni jwettqu reati. In-Network għall-Prevenzjoni jenħtieġ li jgħin biex tissaħħaħ il-kapaċità fl-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline u jenħtieġ li juża l-għarfien espert rilevanti kollu tal-Unjoni u barra minnha, b'rispons għal approċċ integrat għall-protezzjoni bbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li jlaqqa' riċerkaturi, prattikanti tal-ewwel linja u partijiet ikkonċernati oħra li jaħdmu fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Jenħtieġ li jippermetti feedback mill-prattika sar-riċerka li jgħin fl-identifikazzjoni ta' aktar ħtiġijiet ta' riċerka li jsaħħu l-bażi tal-evidenza għall-prattikanti. Jenħtieġ li jgħin lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi jew miżuri ta' intervent preventiv komprensivi, utilizzabbli, ittestjati xjentifikament, evalwati u effettivi biex titnaqqas il-prevalenza tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline fl-Unjoni. In-Network ta' Prevenzjoni jenħtieġ li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, pereżempju dwar materjali ta' taħriġ u bini tal-kapaċitajiet, kif ukoll l-esperjenza u l-aħjar prattiki. Jenħtieġ li jippermetti lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħra jevitaw punti mhux viżibbli u d-duplikazzjoni tal-isforzi. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li jappoġġa wkoll lill-Kummissjoni fil-ħidma ta' politika tagħha dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline, f'sinerġiji ma' oqfsa relatati, b'mod partikolari man-Network tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238 ([6]).

(8) Sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod adegwat, in-Network għall-Prevenzjoni jenħtieġ li jkun magħmul minn membri bi kwalifiki għoljin, speċjalizzati u indipendenti, maħtura fil-kapaċità personali tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline u rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u ta' entitajiet pubbliċi għajr l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dwar l-iżvelar tal-informazzjoni minn membri tan-Network għall-Prevenzjoni.

(10) Minħabba l-fatt li l-esperjenza u l-għarfien espert rilevanti tagħhom huma pjuttost rari kif ukoll minħabba n-natura tas-suġġett, il-membri tan-Network għall-Prevenzjoni u s-sottogrupp(i) tiegħu kif ukoll l-esperti mistiedna mistennija jagħtu pariri speċjalizzati ferm u ta' livell għoli u valur miżjud sinifikanti. Is-servizzi tagħhom huma essenzjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi jew miżuri ta' intervent preventiv utilizzabbli li jkunu evalwati b'mod rigoruż u effettiv biex titnaqqas il-prevalenza tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline fl-Unjoni u għall-faċilitazzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE u b'appoġġ għall-miżuri definiti fid-Direttiva 2011/93/UE. Fid-dawl ta' dan, u bħala esperti indipendenti bi kwalifiki għoljin, speċjalizzati u magħżula abbażi ta' kriterji oġġettivi, huwa ġġustifikat li, f'ċerti każijiet, l-individwi maħtura f'kapaċità personali jiġu remunerati għas-servizzi li jagħtu skont din id-Deċiżjoni.

([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, COM(2020) 607 final, Brussell, 24.7.2020.

([5]) Ippubblikat fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti u Entitajiet oħra Simili: https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups-explained?lang=en.

([6]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238 tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal (ĠU L, 2024/1238, 14.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2024/1238/oj).

(11) Id-*data* personali jenħtieġ li tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]),

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Ħolqien ta' grupp ta' esperti**

Qiegħed jinħoloq grupp ta' esperti li jservi bħala n-"Network għall-Prevenzjoni tal-Abbuż Sesswali tat-Tfal" ("in-Network għall-Prevenzjoni").

*Artikolu 2*

**Kompiti**

1. Il-kompiti tan-Network għall-Prevenzjoni għandhom ikunu:

(a) li jassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' politika fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(b) li jistabbilixxi kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, ir-riċerkaturi rilevanti, il-prattikanti tal-ewwel linja u partijiet ikkonċernati oħra dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-programmi u l-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(c) li jistabbilixxi kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar kwistjonijiet relatati mal-ħolqien ta' programmi jew miżuri ta' intervent preventiv komprensivi, utilizzabbli, evalwati b'mod rigoruż, ittestjati xjentifikament u effettivi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(d) li jiġġenera, jiffaċilita u jrawwem skambju ta' għarfien, esperjenza u prattiki tajba fil-qasam tal-prevenzjoni li jnaqqsu l-prevalenza tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(e) li jassisti lill-Kummissjoni fil-ħolqien u l-operat ta' repożitorju tad-*data*, tas-sejbiet tar-riċerka, tal-linji gwida dwar il-prevenzjoni u tar-riżorsi tal-programmi aċċessibbli b'lingwi uffiċjali differenti tal-Unjoni u b'hekk isir ċentru għar-riżorsi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u tal-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline.

2. In-Network għall-Prevenzjoni għandu jipprovdi pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni fir-rigward tal-oqsma kollha relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline fl-istadji kollha tal-prevenzjoni u fil-livelli kollha tal-mudell soċjoekoloġiku, jiġifieri, il-mudell li jenfasizza l-interazzjoni bejn il-bijoloġija u l-ambjent fit-tiswir tal-imġiba, inkluż tal-individwu, l-imġiba interpersonali, komunitarja u dik tas-soċjetà, f'approċċ multidixxiplinari u integrat għall-protezzjoni tat-tfal, u b'mod partikolari dwar l-inizjattivi li ġejjin:

(a) inizjattivi mmirati lejn it-trasgressuri u l-persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati kontra t-tfal biex titnaqqas il-probabbiltà li persuna (terġa') twettaq reat, inklużi l-prevenzjoni tal-awturi, it-trattament tat-trasgressuri, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni, u r-rispons tal-komunità għar-riintegrazzjoni;

(b) inizjattivi mmirati lejn it-tfal u l-ambjent tagħhom biex titnaqqas il-probabbiltà li t-tfal isiru vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament sesswali tat-tfal online u offline.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE EC (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

3. In-Network għall-Prevenzjoni għandu jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni u l-attivitajiet tiegħu għandhom jinkludu:

(a) jorganizza laqgħat plenarji regolari;

(b) jagħti opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi ta’ politika tal-Unjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(c) jiffaċilita r-riċerka u l-ġbir tad-*data*, inkluż permezz ta’ stħarriġ tal-prevalenza, u jiffaċilita d-disseminazzjoni ta’ tali għarfien, fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(d) jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta’ linji gwida u standards tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(e) jassisti lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta’ programmi jew miżuri ta’ intervent dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline ipprovduti fl-Unjoni jew, fejn potenzjalment rilevanti għall-Unjoni, f’pajjiżi terzi u jistabbilixxi l-aħjar prattiki;

(f) jassisti lill-Kummissjoni fl-għoti ta’ appoġġ espert u gwida lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-espansjoni ta’ programmi jew miżuri ta’ intervent dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline u jgħin biex tiġi żgurata t-trasferibbiltà tal-aħjar prattiki;

(g) jassisti lill-Kummissjoni fl-iffaċilitar tal-iskambju ta’ informazzjoni dwar u l-iżvilupp ta’ materjali ta’ taħriġ multidixxiplinari u l-bini tal-kapaċità għall-professjonisti fl-Istati Membri kollha fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline, kif ukoll fis-sistemi tas-saħħa permezz tat-taħriġ tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-integrazzjoni ta’ miżuri ta’ protezzjoni tat-tfal f’perkorsi ta’ kura, jew l-adattament tagħhom għall-kuntest nazzjonali;

(h) jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u t-twettiq, jew jassisti lill-Kummissjoni fl-appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp u t-twettiq ta’ kampanji ta’ sensibilizzazzjoni u edukazzjoni li jgħinu jinfurmaw lit-tfal, lill-ġenituri, lill-persuni li jindukraw u lill-edukaturi dwar ir-riskji u l-mekkaniżmi preventivi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline, kif ukoll kampanji ta’ sensibilizzazzjoni u edukazzjoni dwar it-twettiq tal-prevenzjoni, abbażi tar-riċerka u l-evidenza, inkluż permezz ta’ parteċipazzjoni sikura, inklużiva u sinifikanti tat-tfal;

(i) iwieġeb għall-konsultazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline.

*Artikolu 3*

**Konsultazzjoni**

1. Il-Kummissjoni tista’ tikkonsulta lin-Network għall-Prevenzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline.

*Artikolu 4*

**Sħubija**

1. In-Network għall-Prevenzjoni għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn 50 membru.

2. Il-membri għandhom ikunu:

(a) awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b’responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(b) individwi maħtura f’kapaċità personali attivi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(c) organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline;

(d) entitajiet pubbliċi għajr l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu fuq il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline.

3. Il-membri maħtura f'kapaċità personali kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. Huma għandhom ikunu speċjalisti mill-Unjoni jew minn pajjiżi terzi b'għarfien u esperjenza eċċellenti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u tal-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline.

4. L-organizzazzjonijiet li ġejjin, inkluż minn pajjiżi terzi, li joperaw fil-livell tal-Unjoni, internazzjonali jew nazzjonali fi Stat Membru, jistgħu jinħatru bħala membri kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (c):

(a) assoċjazzjonijiet;

(b) Organizzazzjonijiet mhux Governattivi ("NGOs");

(c) universitajiet;

(d) istituti tar-riċerka.

5. Sabiex jinħatru bħala membri, l-organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c), irid ikollhom għarfien u esperjenza ppruvati u rilevanti fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni jew fil-livell internazzjonali, f'oqsma rilevanti għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline fl-Unjoni, inkluż fil-forniment ta' programmi jew miżuri ta' intervent preventiv fl-istadji kollha tal-prevenzjoni, kif ukoll b'appoġġ għall-vittmi, u dwar l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal u integrat għall-protezzjoni tat-tfal.

6. Il-membri msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c), għandhom jinnominaw rappreżentant u żewġ rappreżentanti sostituti biex iwettqu l-kompiti fin-Network għall-Prevenzjoni. Dawn il-membri għandhom ikunu responsabbli milli jiżguraw li r-rappreżentanti tagħhom jipprovdu livell għoli ta' għarfien espert. Il-Kummissjoni tista' tirrifjuta n-nomina mill-organizzazzjoni kkonċernata ta' rappreżentant jekk tqis li din in-nomina ma tkunx xierqa fid-dawl tar-rekwiżiti speċifikati fis-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni titlob lill-organizzazzjoni kkonċernata taħtar rappreżentant ieħor. Kull organizzazzjoni għandha tkun rappreżentata f'kull laqgħa tan-Network għall-Prevenzjoni minn rappreżentant wieħed biss.

7. Il-membri msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (d), għandhom jinnominaw rappreżentant fin-Network għall-Prevenzjoni li jservi bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni, u żewġ rappreżentanti sostituti. Dawk il-membri għandhom ikunu responsabbli milli jiżguraw li r-rappreżentanti tagħhom jipprovdu livell għoli ta' għarfien espert rilevanti għall-kompiti tal-grupp jew tas-sottogrupp(i), jiġifieri dwar il-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal online u offline. Huma għandhom jiġu rrappreżentati f'kull laqgħa minn rappreżentant wieħed biss. Huma għandhom ikunu rappreżentati biss minn impjegati taċ-ċivil jew impjegati pubbliċi.

8. Il-membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tan-Network għall-Prevenzjoni, u li, fl-opinjoni tad-dipartiment ikkonċernat tal-Kummissjoni, ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew li jirriżenjaw, ma għandhomx jibqgħu jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fil-laqgħat tan-Network għall-Prevenzjoni jew is-sottogruppi tiegħu u jistgħu jiġu sostitwiti għall-bqija tal-mandat tagħhom.

*Artikolu 5*

**Proċedura ta' selezzjoni**

1. Is-selezzjoni tal-membri tal-grupp imsemmija fl-Artikolu 4(2)(b)(c) għandha ssir permezz ta' sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet li tiġi ppubblikata fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili ([8]) ("ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti"). Barra minn hekk, is-sejħa għall-applikazzjonijiet tista' tiġi ppubblikata b'mezzi oħra, inkluż fuq siti web dedikati. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandha tiddeskrivi b'mod ċar il-kriterji tal-għażla li jinkludu l-livell ta' għarfien espert meħtieġ u l-interessi li għandhom ikunu rappreżentati rigward il-ħidma li għandha titwettaq. L-iskadenza minima għall-applikazzjonijiet għandha tkun ta' erba' ġimgħat.

([8]) Ir-Reġistru ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet simili oħrajn, li jinstab hawn: https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/home?lang=mt.

2. Il-proċess tas-selezzjoni tal-membri msemmi fl-Artikolu 4(2)(b), għandu jsir b'tali mod li jiżgura livell għoli ta' għarfien espert u bilanċ f'termini ta' għarfien, oriġini ġeografika u ġeneru, filwaqt li jitqiesu l-kompiti speċifiċi tan-Network għall-Prevenzjoni u t-tip ta' għarfien espert meħtieġ.

3. L-individwi li japplikaw biex jinħatru bħala membri f'kapaċità personali msemmija fl-Artikolu 4(2)(b), għandhom jiżvelaw kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tirrekjedi lill-individwi li jissottomettu formola ta' dikjarazzjoni tal-interessi ("DOI", declaration of interests) fuq il-bażi tal-formola standard tad-DOI għal gruppi ta' esperti li tissemma fl-Anness 4 tad-Deċiżjoni C(2016) 3301, flimkien ma' curriculum vitae aġġornat, bħala parti mill-applikazzjoni tagħhom. Is-sottomissjoni ta' formola DOI mimlija kif suppost għandha tkun neċessarja sabiex kandidat ikun eliġibbli biex jinħatar f'kapaċità personali. Il-valutazzjoni tal-kunflitt ta' interess għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni C (2016) 3301.

4. Sabiex l-organizzazzjonijiet jinħatru bħala membri skont l-Artikolu 4(2)(c), tali organizzazzjonijiet iridu jiġu rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza.

5. Il-membri msemmija fl-Artikolu 4(2)(b) u (c), għandhom jinħatru mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni ("DĠ HOME") minn applikanti b'kompetenza fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2, u li jkunu wieġbu għas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Fir-rigward tal-membri li jaġixxu f'kapaċità personali msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (b), jekk jinħoloq kunflitt ta' interess wara l-ħatra tagħhom, id-DĠ HOME għandu jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni C (2016) 3301.

6. Il-membri għandhom jinħatru għal mandat ta' 4 snin. Huma għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti jew sa tmiem il-mandat tagħhom. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded.

7. Fir-rigward tal-membri msemmija fl-Artikolu 4(2)(b), id-DĠ HOME għandu jagħżel membri sostituti, bl-istess kundizzjonijiet kif definiti fl-Artikoli 4 u 5 u fis-sejħa għall-applikazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1, li għandhom jissostitwixxu awtomatikament kwalunkwe membru li jkun assenti jew indispost.

8. Id-DĠ HOME għandu jistabbilixxi lista ta' riżerva ta' kandidati xierqa li tkun tista' tintuża biex jinħatru sostituti tal-membri. Id-DĠ HOME għandu jitlob il-kunsens tal-applikanti qabel ma jinkludihom fil-lista ta' riżerva.

*Artikolu 6*

**President**

In-Network għall-Prevenzjoni għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tad-DĠ HOME. Fid-dawl tal-aġenda, id-DĠ HOME jista' jitlob rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka ("DĠ JRC") tal-Kummissjoni biex jippresiedi l-laqgħa jew parti minnha.

*Artikolu 7*

**Operat**

1. In-Network għall-Prevenzjoni għandu jaġixxi fuq talba tad-DĠ HOME, f'konformità mad-Deċiżjoni C (2016) 3301.

2. Il-laqgħat tan-Network għall-Prevenzjoni għandhom, fil-prinċipju, isiru fil-bini tal-Kummissjoni jew virtwalment, skont iċ-ċirkostanzi, u għandhom isiru mill-inqas darbtejn fis-sena.

3. Id-DĠ HOME għandu jipprovdi s-servizzi segretarjali. Uffiċjali minn dipartimenti oħra tal-Kummissjoni b'interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tan-Network għall-Prevenzjoni u tas-sottogruppi tiegħu.

4. Bi ftehim mad-DĠ Home, in-Network għall-Prevenzjoni jista' jiddeċiedi li jiftaħ il-laqgħat tiegħu għall-pubbliku b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.

5. Il-minuti dwar id-diskussjoni ta' kull punt fuq l-aġenda u dwar l-opinjonijiet mogħtija min-Network għall-Prevenzjoni għandhom ikunu siewja u sħaħ. Il-minuti għandhom jiġu abbozzati mis-segretarjat, taħt ir-responsabbiltà tal-President.

6. Sa fejn ikun possibbli, in-Network għall-Prevenzjoni għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tiegħu b'kunsens. F'każ ta' votazzjoni, l-eżitu tal-votazzjoni għandu jiġi deċiż b'maġġoranza sempliċi tal-membri. Il-membri li jkunu vvutaw kontra jew li jkunu astjenew għandu jkollhom id-dritt li jkollhom dokument li jiġbor fil-qosor ir-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħhom mehmuż mal-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti.

*Artikolu 8*

**Sottogruppi**

1. Id-DĠ HOME jista' jistabbilixxi sottogruppi biex jassistu kwistjonijiet speċifiċi abbażi tat-termini ta' referenza ddefiniti mid-DĠ HOME. Is-sottogruppi għandhom joperaw f'konformità mad-Deċiżjoni C (2016) 3301 u għandhom jirrapportaw lin-Network għall-Prevenzjoni. Dawn is-sottogruppi għandhom jiġu xolti hekk kif jintemm il-mandat tagħhom.

2. Is-sottogruppi jistgħu jkunu magħmula minn membri li ma humiex membri tan-Network għall-Prevenzjoni. Il-membri tas-sottogruppi li mhumiex membri tan-Network għall-Prevenzjoni għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni C(2016) 3301.

*Artikolu 9*

**Esperti mistiedna**

Id-DĠ HOME jista' jistieden esperti, inkluż minn pajjiżi terzi, b'għarfien espert speċifiku u rilevanti fir-rigward ta' suġġett fuq l-aġenda, biex jieħdu sehem fil-ħidma tan-Network għall-Prevenzjoni jew tas-sottogruppi tiegħu fuq bażi ad hoc. Tali għarfien espert jista' jinkludi professjonisti tas-saħħa pubblika u tas-saħħa mentali involuti fil-protezzjoni tat-tfal.

*Artikolu 10*

**Osservaturi**

1. Individwi, organizzazzjonijiet u entitajiet pubbliċi għajr l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inkluż minn pajjiżi terzi, jistgħu jingħataw status ta' osservatur, f'konformità mad-Deċiżjoni C (2016) 3301, permezz ta' stedina diretta.

2. L-organizzazzjonijiet u l-entitajiet pubbliċi maħtura bħala osservaturi għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom.

3. Il-President jista' jippermetti lill-osservaturi u lir-rappreżentanti tal-osservaturi jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tan-Network għall-Prevenzjoni u s-sottogruppi tiegħu u jagħti għarfien espert. Madankollu, l-osservaturi u r-rappreżentati tal-osservaturi ma għandux ikollhom id-dritt tal-vot u ma għandhomx jipparteċipaw fit-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet, ir-rapporti jew l-opinjonijiet tan-Network għall-Prevenzjoni u tas-sottogruppi tiegħu.

*Artikolu 11*

**Regoli ta' proċedura**

Fuq proposta tad-DĠ HOME u bi ftehim miegħu, in-Network għall-Prevenzjoni għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, fuq il-bażi ta' mudell standard għall-gruppi ta' esperti, b'konformità mal-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni C(2016) 3301. Is-sottogruppi għandhom jikkonformaw mar-regoli ta' proċedura tan-Network għall-Prevenzjoni.

*Artikolu 12*

**Segretezza professjonali u trattament ta' informazzjoni klassifikata**

Il-membri tan-Network għall-Prevenzjoni u tas-sottogruppi u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, huma soġġetti għall-obbligi tas-segretezza professjonali li skont it-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, japplikaw għall-membri kollha tal-istituzzjonijiet u l-persunal tagħhom, u mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 ([9]) u (UE, Euratom) 2015/444 ([10]). Jekk dawn ma jikkonformawx ma' dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu kull miżura xierqa.

*Artikolu 13*

**Trasparenza**

1. In-Network għall-Prevenzjoni u s-sottogruppi tiegħu għandhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili ("ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti").

2. Rigward il-kompożizzjoni tan-Network għall-Prevenzjoni u tas-sottogruppi tagħha, id-*data* li ġejja għandha tiġi ppubblikata fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti:

(a) l-ismijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

(b) l-ismijiet tal-individwi li jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom;

(c) isem l-organizzazzjonijiet membri; l-interess rappreżentat għandu jiġi żvelat billi jiġi ppubblikat fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-gruppi ta' esperti;

(d) l-isem tal-entitajiet pubbliċi għajr l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(e) l-ismijiet tal-osservaturi.

3. Id-dokumenti rilevanti kollha, inkluż l-aġendi, il-minuti u s-sottomissjonijiet tal-parteċipanti, għandhom ikunu disponibbli jew fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti jew permezz ta' link mir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti għal sit web dedikat, fejn tinsab din l-informazzjoni. L-aċċess għal siti web dedikati ma għandux ikun sottomess għal reġistrazzjoni tal-utent jew għal restrizzjoni oħra. B'mod partikolari, l-aġenda u dokumenti oħra ta' sfond rilevanti għandhom jiġu ppubblikati fi żmien xieraq qabel il-laqgħa, segwiti mill-pubblikazzjoni f'waqtu tal-minuti. L-eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni għandhom ikunu possibbli biss fejn jitqies li l-iżvelar ta' dokument idgħajjef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

*Artikolu 14*

**Benefiċċju speċjali**

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tan-Network għall-Prevenzjoni u s-sottogruppi tiegħu, fil-prinċipju, ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li joffru, bla ma jiġu affettwati l-paragrafi 2 u 3.

2. Il-membri tan-Network għall-Prevenzjoni u s-sottogruppi tiegħu li huma individwi maħtura f'kapaċità personali għandhom ikunu intitolati għal allowance speċjali li tikkumpensa għall-ħidma preparatorja tagħhom u għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(3)(b) sa (i), organizzati mill-Kummissjoni, u talli jservu bħala relatur dwar kwistjoni speċifika.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

([11]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

3. L-allowance speċjali għandha tikkonsisti f'massimu ta' EUR 450 għal kull jum sħiħ ta' xogħol li wieħed iqatta' jgħin lill-Kummissjoni. Dan għandu jsir jitħallas f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni C(2016) 3301 u fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati lid-dipartimenti tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 15*

**Kostijiet tal-laqgħat**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-kostijiet tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u fejn xieraq, tas-sussistenza mġarrba mill-parteċipanti fl-attivitajiet tan-Network għall-Prevenzjoni u s-sottogruppi tiegħu.

2. Ir-rimborżi kollha għandhom isiru f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni u għandhom isiru fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati lid-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Magnus BRUNNER
*Membru tal-Kummissjoni*